

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15548/17

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0017 (COD)**

**CODEC 2044
CLIMA 343
ENV 1052
AVIATION 187
IND 372
ENER 505**

NOTA PUNT "A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-3 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-31 ta' Mejju 2017². Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2017.

¹ 5968/17.

² ĠU C 288, 31.8.2017, p. 75.

4. Waqt il-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2017, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:

- japprova l-pożizzjoni bl-astensjoni tad-delegazzjoni UK, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 55/17; u
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tinsab fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
